24 ta' April, 1950.

Imħallfin:

Is-S T.O. Sir George Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *Pres.*

L-Onor. Dr. L.A. Camilleri, LL.D.

L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.

Giuseppe Xuereb et. *versus* Nutar Dr. Vincenzo Gatt ne.

**Taxxa tas-Suċċessjoni — Preskrizzjoni — Dekadenza — Interruzzjoni — Art. 46 tal-Kap. 70 tal-Liġijiet ta' Malta.**

*It-terminu stabbilit mill-Ordinanza dwar it-Taxxi tas-Suċċessjoni u Donazzjoni li fih il-Kollettur tat-Taxxi jista' jeżerċita l-azzjoni tiegħu għall-ħlas u riskossjoni ta' dawk it-taxxi, huwa terminu ta' preskrizzjoni, u mhux ta' dekadenza.*

*Din il-preskrizzjoni tista' tiġi nterrotta mhux biss b'att ġudizzjarju, imma bil-mezzi kollha ta' interruzzjoni ammessi fil-każijiet l-oħra ta' preskrizzjoni; fosthom ir-rikonoxximent tad-debitu.*

*Il-fatt li werrieta jagħmlu d-dikjarazzjoni bil-permess tal-Kollettur tat-Taxxi li jkun tahom dak il-permess mingħajr preġudizzju tad-dritt tiegħu għall-bilanċ tat-taxxa, jew li huma jistgħu fl-att*

***tal-qasma illi t-taxxi tas-suċċessjoni ġew imħallsin per mezz ta' depożitu akkont, jammonta għal rikonoxximent tad-dejn u ta' l-obbligu tagħhom li għandhom iħallsu dak il-bilanċ jekk jirriżulta li dak id-depożitu ma kienx biżżejjed biex jitħallas it-taxxa kollha meta din it-taxxa tiġi likwidata. U billi dan ir-rikonoxximent tad-dejn ikun jiswa bħala att interruttiv tal-preskrizzjoni ma hemmx bżonn li fl-att fejn sar dak ir-rikonoxximent ikun parti l-Kollettur tat-Taxxi, jew li huwa jaċċetta dik id-dikjarazzjoni tal-kondividenti.***

Il-Qorti — Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili tal-Maestà tar-Re, li bih l-attur, wara li ppremetta illi l-konvenut, b'ittra uffiċjali tas-6 ta' Awissu 1946, ippretenda li huwa għandu jieħu minn għandu, "in solidum" ma' ħadd ieħor, is-somma ta' £2145. 5. 8, bilanċ ta' taxxi dovuti fuq is-suċċessjoni ta' Michele u Carmela Xuereb, flimkien ma' l-imgħax tat-tlieta fil-mija fis-sena mid-data tar-rispettivi trasferimenti; u illi d-denunzja tas-suċċessjoni ta' Michele Xuereb ġiet magħmula fil-25 ta' Ottubru 1934, u ġġib in-numri 2155 u 2156 ta' l-1934, u dik ta' Carmela Xuereb ġiet magħmula fit-30 ta' Ottubru 1935, u ġġib in-numri 2222 u 2221/1935, u t-taxxi ġew likwidati mill-konvenut fuq il-valur denunzjat; talab, peress li għaddew iżjed minn ħames snin mill-ġurnata tad-denunzja fuq imsemmija, li jiġi dikjarat illi hija preskritta l-azzjoni tal-konvenut għall-pagament u riskossjoni ta' l-imposta fuq imsemmija bl-imgħaxijiet relattivi, skond l-art. 46 tal-Kap. 70 tal-Liġijiet ta' Malta (Edizzjoni Riveduta), għà magħrufa bħala Ordinanza nru. XVIII ta' l-1918; u in konsegwenza ta' l-ewwel domanda, u fil-każ li din tiġi milqugħa, jiġu revokati l-atti tas-subasta mibdijin mill-konvenut kontra tiegħu b'rikors tal-4 ta' Novembru 1946 u l-atti l-oħra kollha suċċessivi. Bl-ispejjeż.

***Omissis;***

Rat is-sentenza mogħtija minn dik il-Qorti fis-27 ta' April 1948, li biha ġew miċħuda t-talbiet ta' l-attur, bl-ispejjeż; wara li kkunsidrat;

Illi l-ewwelnett it-terminu indikat fl-att taċ-ċitazzjoni, kif huma t-termini kollha msemmijin fl-art. 46 ta' l-Ordinanza XVIII ta' l-1918 dwar it-Taxxi tas-Suċċessjoni u Donazzjoni (Kap. 70 Edizzjoni Riveduta), huwa terminu ta' pres-

kazzjoni, u mhux termi. u ta' dekadenza. Dana gie stabbilit fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tal-Maestà Tieghu r-Re tat-30 ta' Ottubru 1936 fil-kawża "Sac. Don Pio Gauci et. versus Onor. James A. Galizia, O.B.E., ne.". Dik il-Qorti waslet ghal dina l-konklużjoni in bażi ta' dawn ir-ragunijiet, li, a loro volta, huma bażati fuq il-kriterji traccjati fuq din il-materja mill-Giorgi (Teoria delle Obbligazioni, Vol. VIII, para. 225, pag. 366 e seg.) :—

1. Fid-dispożizzjoni stess tal-ligi, it-terminu wżat huwa illi l-azzjoni "tippreskrivi ruhha". Il-Giorgi jghid (pag. 371) :—"Quando la disposizione non indica esplicitamente che è una prescrizione, sarà da ritenersi il carattere della decadenza..... ...." ;

2. L-artikolu 44 (il-lum 46) jikkolpixxi l-azzjoni direttament u d-dritt ghall-imposta indirettament. Il-Giorgi jghid :—"Se guardiamo alla scienza essa ci dirà che la prescrizione colpisce sempre direttamente l'azione, di modo che la morte del diritto per prescrizione addiviene in modo indiretto.......... la decadenza colpisce direttamente il diritto" ;

Illi dina l-preskrizzjoni naxxenti mill-Ordinanza citata hija regolata mid-Dritt Komuni jekk mill-kontest ta' l-istess ligi ma jirriżultax diversament (art. 50). Il-paragrafu 3 ta' l-art. 46 ma jidderogax ghad-Dritt Komuni, fis-sens li l-kjamati fil-kawża ahwa Busuttil u Rosa Apap issottomettew fiddikjarazzjoni taghhom (fol. 30), fis-sens, jigifieri, illi l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni ma tistax issir hlief b'effett ta' att gudizzjarju, eskluż ir-rikonoxximent tad-debitu da parti taddebituri. Dak il-paragrafu jidderoga mveci ghad-Dritt Komuni fis-sens illi jamplifika l-effetti ta' l-interruzzjoni maghmula b'att gudizzjarju, minghajr ma bl-ebda mod jirrestringi l-mezzi ta' l-interruzzjoni. Anki dana huwa sostnut minn sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tal-Maestà Tieghu r-Re moghtija fit-8 ta' April 1930 fil-kawża "Onor. Jos. Huber O.B.E., ne. vs. Nobile Pasquale Waldemar de' Baroni Sciberras Trigona" (Kollez. Vol. XXVII—I—486) ;

Illi l-konvenut nomine jippretendi illi l-preskrizzjoni ta' l-azzjoni tieghu, imsemmija fl-att tac-citazzjoni, giet interrotta bir-rikonoxximent tad-debitu ;

Illi d-denunzja ta' l-imsemmi Michele Xuereb u ta' l-im-

semmija Carmela Xuereb ġew magħmulin rispettivament fil-25 ta' Ottubru 1934 u fit-30 ta' Ottubru 1935 (fol. 17 u 18). Kif jirriżulta mid-dokument fil-fol. 12, fis-6 ta' Settembru 1939, in-Nutar Gatt talab il-permess biex jipproċedi għar-riċezzjoni u pubblikazzjoni ta' l-att tal-qasma ta' l-assijiet ta' l-imsemmijin Michele u Carmela Xuereb, u dan il-permess ġie mogħti fis-6 ta' Settembru 1939, "without any prejudice to the liability in solidum imposed by the law on the co-heirs for any additional duty which may be eventually due on the estates in question". Hawn għandu jiġi mfisser illi l-imposti ta' dawn is-suċċessjonijiet kienu ġew kawtelati b'depożitu ta' somma li ġiet imħallsa akkont. L-att tal-qasma fuq imsemmi ġie publikat fil-15 ta' Novembru 1939 (fol. 13);

Illi f'dana l-att tal-qasma, li fih ha sehem l-attur, hemm, fost dikjarazzjonijiet oħrajn, dawn id-dikjarazzjonijiet li sejrin jissemmew, jiġifieri :—

1. Illi t-taxxi tas-suċċessjoni ta' l-imsemmi Michele Xuereb "ġew kawtelati bid-depożitu ta' £9000, indikat skond l-annessa ittra tat-Teżorier". Dina l-ittra tat-Teżorier hija dik li biha ġie mogħti l-permess fuq imsemmi sabiex isir l-att tal-qasma;

2. Illi t-taxxa tas-suċċessjoni ta' l-imsemmija Carmela Xuereb ġiet imħallsa permezz ta' depożitu akkont;

3. Illi ma' l-att ġie anness il-permess fuq imsemmi mogħti mill-Kollettur tal-Lottu u tat-Taxxi biex issir il-qasma "non ostanti li t-taxxi tal-wirt mhumiex likwidati";

Illi dawn id-dikjarazzjonijiet jimpurtaw ir-rikonoxximent tad-debitu da parti tal-werrieta, u kwindi da parti ta' l-attur li ħa sehem f'dak il-kuntratt; u għalhekk dawk id-dikjarazzjonijiet huma tiegħu wkoll. U difatti kulħadd jaf li d-depożitu jsir meta t-taxxi ma jkunux għadhom ġew likwidati, fil-maġġur part tal-każijiet, biex tiġi evitata d-dekorrenza ta' l-interessi, u d-debitur jibqa' tenut għall-bilanċ fil-każ li d-depożitu jirriżulta insuffiċjenti meta ssir il-likwidazzjoni. Barra minn dan, in rigward tat-taxxi dovuti għas-suċċessjoni ta' Carmela Xuereb, id-dikjarazzjoni hija fis-sens li dak id-depożitu sar akkont, jiġifieri l-partijiet irrikonoxxew, ossija urew li kienu jafu li kellhom, jew setgħu jkollhom, iħallsu bilanċ, u kwindi wrew, b'dik l-espressjoni "akkont" li wżaw f'din

id-dikjarazzjoni relativa għat-taxxa tas-suċċessjoni ta' Carmela Xuereb, .i d-depożi.u li ssemma fil-każ tat-taxxi tas-suċċessjoni ta' Michele Xuereb ma kienx sar bi ħlas għas-saldu, imma akkont, kif kien sar fil-każ tas-suċċessjoni ta' Carmela. U del resto, f'dik id-dikjarazzjoni relativa għat-taxxa tas-suċċessjoni ta' Michele Xuereb huma immedjatament spjegaw li dawk it-taxxi bl-imsemmi depożitu ġew "kawtelati". Inoltri, jirriżulta r-rikonoxximent tal-kontendenti, fosthom l-attur, illi t-taxxi tal-wirt ma kienux ġew likwidati, u kwindi r-rikonoxximent da parti tagħhom li l-permess tal-Kollettur tal-Lottu u tat-Taxxi ġie mogħti "non ostanti li t-taxxi għad ma kienux ġew likwidati". U fl-aħħarnett, dik id-dikjarazzjoni timplika fi l-kondividenti, fosthom l-attur, kienu qegħdin jirrikonoxxu li kienu qegħdin jagħmlu d-diviżjoni mingħajr preġudizzju ta' l-obligu solidali tagħhom li jħallsu kull bilanċ li seta' kien dovut in rispett tat-taxxi tas-suċċessjonijiet fuq imsemmijin; għaliex din il-kondizzjoni tirriżulta imposta fl-istess permess li huma ddikjaraw li kienu qegħdin jannettu ma' l-att;

Illi xejn ma jimporta li l-Kollettur tal-Lottu u tat-Taxxi ma kienx parti għall-att fejn saru dawk id-dikjarazzjonijiet, u li ma ġewx minnu aċċettati; għaliex, kif jgħallem Troplong (nru. 615) :— "La ricognizione non ha punto bisogno di essere accettata dal creditore";

Illi għalhekk, fid-data fuq imsemmija (15 ta' Novembru 1939) il-preskrizzjoni ġiet interrotta bir-rikonoxximent taddebitu;

Illi mbagħad, kif jirriżulta mid-dokument fil-fol. 20 talproċess, mid-data ta' l-att fuq imsemmi (15 ta' Novembru 1939) iż-żmien ta'-preskrizzjoni ġie interrott per mezz ta' att uffiċjali in data 29 ta' Settembru 1943; u billi r-rikors tal-konvenut nomine, li bih ġew mibdijin l-atti tas-subasta indikati fl-att taċ-ċitazzjoni in eżekuzzjoni tal-likwidazzjonijiet tat-taxxi ġie preżentat fl-1 ta' Novembru 1946, qabel għaddew ħames snin mill-jum li fih ġie spedit l-imsemmi att uffiċjali, u qabel kien hemm ukoll l-ittra uffiċjali spedita millistess konvenut nomine lill-attur għall-ħlas tal-bilanċ dovut skond l-imsemmijin likwidazzjonijiet, il-kors tal-preskrizzjoni ġie dejjem interrott;

Rat in-nota ta' l-appell ta' l-imsejjaħ fil-kawża Frank Fabri, u rat il-petizzjoni tiegħu fejn talab li dik is-sentenza tiġi revokata, billi minflok jiġi deċiż a tenur tat-talbiet ta' l-attur, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenut Nutar Gatt nomine;

*Omissis;*

Rat in-nota ta' l-appell ta' l-imsejħin fil-kawża Stella mart Carmelo Penza..................;

*Omissis;*

Rat in-nota ta' l-appell ta' l-attur u rat il-petizzjoni tiegħu..................;

*Omissis;*

Rat in-nota ta' l-appell ta' l-imsejħa fil-kawża Carmela mart Giuseppe Camilleri..................;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi ma hemmx kuntrast bejn il-kontendenti illi l-preskrizzjoni applikabili għall-ħlas tat-taxxa pretiża mill-appellat Nutar Gatt nomine hija dik ta' ħames snin, prevista mill-paragrafu (b) ta' l-art. 46 tal-Liġi fuq it-Taxxi tas-Suċċessjoni u Donazzjoni (Kap. 70 ta' l-Edizzjoni Riveduta tal-Liġijiet ta' Malta). Dak it-terminu jibda jgħaddi minn dak in-nhar tad-denunzja. Lanqas hemm kuntrast bejn il-kontendenti li d-denunzja tas-suċċessjoni ta' Michele Xuereb saret fil-25 ta' Ottubru 1934 u dik ta' Carmela Xuereb fit-30 ta' Ottubru 1935. Minn meta saru dawk id-denunzji sakemm saret mill-imsemmi Nutar Gatt nomine l-ittra uffiċjali tas-6 ta' Awissu 1946 għaddew wisq iżjed minn ħames snin, u għalhekk l-appellanti qegħdin jopponu li l-azzjoni minnu mil-lantata b'dik l-ittra uffiċjali tinsab preskritta, u dikjarazzjoni analoga qegħdin jitolbu biċ-ċitazzjoni;

Ikkunsidrat;

Illi kif sewwa qalet l-Ewwel Qorti, fuq l-awtorità tas-sentenza mogħtija minn din il-Qorti fit-30 ta' Ottubru 1936 fil-kawża "Saċ. Pio Gauci et. vs. Onor. James Galizia nomine", it-terminu ta' ħames snin fuq imsemmi, kif ukoll it-termini l-oħra kollha kontemplati fiċ-ċitat artikolu 46 tal-Liġi dwar it-Taxxi tas-Suċċessjoni u Donazzjoni (Kap. 70) huma termini ta' preskrizzjoni u mhux ta' dekadenza, u dik il-pre-

skrizzjoni hija regolata mid-Dritt Komuni (art. 50 tal-Liġi ċitata). Għalhekk huma applikabili għaliha l-każi ta' interruzzjoni u rinunzja bl-effetti konsegwenzjali tagħhom, previsti mid-dispożizzjonij et tal-Kodiċi Ċivili. Il-pretensjoni li l-interruzzjoni ta' dik il-preskrizzjoni tista' ssir biss bil-mod speċifikat fl-aħħar paragrafu ta' l-art. 46 fuq imsemmi, jiġifieri b'att ġudizzjarju, hija inammissibili, għar-raġunijiet ivolti fis-sentenza appellata in każi għad-deċiżjoni minnha ċitata, mogħtija minn din il-Qorti fit-8 ta' April 1930 (Kollez. Vol. XXVII—I—496);

Ikkunsidrat;

Illi, stabbilit ll mid-data li saru d-denunzji ta' Michele u Carmela Xuereb, sa dik ta' l-interpellazzjoni per mezz ta' l-ittra uffiċjali tas-6 ta' Awissu 1946, għaddew aktar minn ħames snin, il-preskrizzjoni eċċepita kienet tinsab kompita meta saret dik l-interpellazzjoni, jekk ma jirriżultax li ġiet interrotta fil-kors tagħha jew li ġiet rinunzjata wara li għalqet;

Ikkunsidrat;

Illi, kif jidher mid-dokument fil-fol. 12 tal-proċess, fis-6 ta' Settembru 1939, in-Nutar Gatt, li kien inkarikat sabiex jagħmel il-qasma ta' l-"immovable property forming part of the estates of Michele and Carmela Xuereb, as well as of immovables enjoyed in usufruct by the latter.....................", talab il-permess biex ikun jista' jirċievi u jippublika dak l-att. Dak il-permess gie lilu mogħti mingħajr preġudizzju "to the liability in solidum imposed by the law on the co-heirs for any additional duty which may be eventually due on the estates in question". U ngħad "additional duty", billi kien sar depożitu akkont, kif jidher mid-dokument fil-fol. 6 tal-proċess. Huwa evidenti li n-Nutar Gatt talab dak il-permess għan-nom u fuq inkariku tal-werrieta ta' l-imsemmijin Michele u Carmela Xuereb; u dik it-talba kienet timporta rikonoxximent tad-dritt tal-konvenut Nutar Gatt nomine li jirreklama ammont akbar minn dak depożitat kemm-il darba mil-likwidazzjoni li kellha ssir jirriżulta li t-taxxa kellha tkun akbar. Kieku l-appellanti bil-ħlas preċedentement minnhom magħmul kienu qegħdin iħossu ruħhom liberi minn kwalunkwe obligu ta' ħlas ulterjuri, għalfejn għamlu dik it-talba?

Għaxa qagħdu għall-kondizzjoni li għamilhom il-Gvern biex jagħmlhom b'permess mitlub, mhux biss mingħajr ma rreklamaw, iżda b'approvazzjoni ta' l-istess kondizzjoni kif jidher mill-kuntratt? Infatti f'dana l-att tal-qasma, li ġie publikat fil-15 ta' Novembru 1939 (fol. 13), u li fih hadu parti l-appellanti kollha, ġie anness bħala dokument il-permess fuq imsemmi ottenut mill-Gvern. Fl-istess att issemma li d-denunzja tas-suċċessjoni ta' Michele Xuereb saret mill-Avukat Dr. Giuseppe Pace, eżekutur testamentarju tiegħu, fil-25 ta' Ottubru 1934, u li t-taxxi relattivi "ġew imħallsin mill-istess Dottor Pace, ċjoè ġew kawtelati bid-depożitu ta' £9000 indikat skond l-annessa ittra tat-Teżorier". Liema prova iżjed ċara minn dik tal-paragrafu preċedenti biex turi li l-appellanti kienu qegħdin jirrikonoxxu li kienu għadhom ma ħallsux kollox. jew li eventwalment kienu jkollhom iħallsu iżjed, meta huma stess ħassew il-bżonn li jiċċaraw u jfissru dik il-kelma "imħallsin" bħala "kawtela b'depożitu"?

**Kwantu għat-taxxa dovuta għas-suċċessjoni ta' Carmela Xuereb, fl-istess att jingħad li "ġiet imħallsa per mezz ta' depożitu li sar akkont". Irrikonoxxew, għalhekk, li kienu għadhom debituri, billi min jgħid li ħallas akkont ikun qiegħed impliċatament jammetti li ma ħallasx kollox u li fadallu jagħti;**

**Ikkunsidrat;**

Illi għar-raġunijiet fuq miġjuba u għal dawk miġjubin fis-sentenza appellata, għandu jiġi ritenut li l-preskrizzjoni eċċepita ġiet interrotta, qabel ma għalqu l-ħames snin, bl-imsemmija talba tas-6 ta' Settembru 1939 (art. 2238 tal-Kodiċi Civili). L-appellanti reġgħu rrikonoxxew id-debitu tagħhom b'imsemmi kuntratt tal-15 ta' Novembru 1939. Minn din id-data l-preskrizzjoni reġgħet ġiet interrotta bl-ittra uffiċjali tad-29 ta' Settembru 1943 (fol. 20) diretta lil Antonio Busuttil, debitur solidali ma' l-appellanti l-oħra (art. 37 tal-Kap. 70 fuq imsemmi, u art. 1143 tal-Kodiċi Civili); u mid-data ta' dik l-ittra uffiċjali ġiet mill-ġdid interrotta bl-ittra uffiċjali l-oħra tas-6 ta' Awissu 1946 imsemmija fiċ-ċitazzjoni, u bis-sussegwenti atti tas-subasta;

Għar-raġunijiet fuq miġjuba, u għal dawk ta' l-Ewwel Qorti li huma adottati;

Tirrespingi l-appelli kollha interposti mill-imsemmija sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili tal-Maestà tar-Re fis-27 ta' April 1948, bl-ispejjeż rispettivi kontra l-appellat jew l-appellanti f'kull appell. U hekk tikkonferma dik is-sentenza.

---